KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IS-SEBGĦA (7) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Wiehed u Tmenin (81)***

***It-Tlieta, 8 ta' Mejju, 2018***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREZENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | EMANUEL VASSALLO |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |
| IL-KUNSILLIERA | MARIANNE SCHEMBRI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

SEGRETARJU EZEKUTTIV - FIONA SAID

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

**81.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

81.1.1 Ma tressqu l-ebda ittri ta' apologiji.

**81.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

81.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 80 li nzammet nhar it-Tlieta, 10 ta' April 2018.

81.2.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 80 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

81.2.3 Rigward materja 80.5.9 il-Kunsillier Keith Fenech ppropona li minhabba l-istat li jinsab il-pitch 5-a-side ghandha tinhareg kwotazzjoni sabiex jinbidel kollu u jintalab ukoll *sample*. Il-Kunsill qabel li jirrevedi d-decizjoni tieghu u tinhareg kwotazzjoni pubblika ghall-bdil tat-turf tal-ground kollu.

81.2.4 Is-Sindku Darren Abela ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 80. Il-Minuti tal-Laqgha Numru 80 gew approvati unanimament.

81.2.5 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Straordinarja li nzammet nhar l-Erbgha, 25 ta' April 2018.

81.2.6 Il-Minuti tal-Laqgha Straordinarja tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

81.2.6 Is-Sindku Darren Abela ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Straordinarja. Il-Minuti tal-Laqgha Straordinarja gew approvati unanimament.

**81.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 81/2018 – Mejju 2018***

81.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 81-2018 biċ-ċekkijiet numru 6049 sa 6076 li tammonta €16633.44

81.3.2 Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 81-2017 bl-ammont ta' €16633.44

Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech
Sekondant: Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo

81.3.3 Wara mozzjoni imressqa mis-Sindku Darren Abela, l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 81-2017 giet approvata unanimament.

**81.4 <u>Rendikont dwar l-attivitajiet ta' Jum Hal Ghaxaq 2018</u>**

81.4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv tat rendikont tal-ispejjez involuti fl-attivitajiet ta' Jum Hal Ghaxaq. L-ispiza hija ta' madwar €4000 ghall-attivita tac-Cheese and Wine, madwar €1000 ghar-riceviment ta' Jum Hal Ghaxaq u €150 ghall-attivitajiet ohra relatati ma Jum Hal Ghaxaq.

81.4.2 Rigward ir-Riceviment ta' Jum Hal Ghaxaq, il-Kunsill qabel li ghandu jibdel il-gurnata minhabba nuqqas kbir ta' attendenza.

81.4.3 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha terga tigi diskussa iktar tard meta joqorbu l-attivitajiet.

**81.5 <u>Talba ghal Devoluzzjonijiet ta' Artijiet</u>**

81.5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet ghall-approvazzjoni tal-Kunsill it-talbiet ghad-devoluzzjoni taz-zoni:

- Ghaxaq Bypass kantuniera ma Triq id-Dejl
- Zona fi Triq il-Belt Valletta
- Zona fi Triq il-Qattus

81.5.2 Il-Kunsill qabel li dawn jintbaghtu ghall-approvazzjoni tat-TM.

**81.6 <u>Aggudikazzjoni tat-Tender: GLC/T/01/2018 : Professional Services of an Architect</u>**

81.6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet ghall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-rapport imhejji ghall-aggudikazzjoni tat-tenders.

81.6.2 Kien hemm zewg offerti mitfugha fejn l-orhos offerta u li lahqet ir-rekwiziti kollha mitluba kienet dik tal-Perit Marvin Ellul li tammonta ghall-€9,300.

81.6.3 Il-Kunsill qabel unaniment li jaccetta din l-offerta u f'kaz ta' dewmien fis-servizz provdut, il-Kunsill jirriserva d-dritt li jwahhal il-penali skond kif imnizzla fid-dokument tat-tender.

**81.7 Aggudikazzjoni tat-Tender GHLC/T/02/2018: Collection of Bulky Refuse**

81.7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet ghall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-rapport imhejji ghall-aggudikazzjoni tat-tenders.

81.7.2 Kien hemm zewg offerti mitfugha fejn l-orhos offerta u li lahqet ir-rekwiziti kollha mitluba kienet dik ta' Melchior Dimech ghall-prezz ta' €2.95

81.7.3 Il-Kunsill qabel unaniment li jaccetta din l-offerta u f'kaz ta' nuqqas fis-servizz provdut, il-Kunsill jirriserva d-dritt li jittermina l-kuntratt immedjatament jew jwahhal il-penali skond kif stipulat fid-dokument tat-tender.

**81.8 Korrispondenza**

81.8.1 Tressqet korripondenza rigward PA/2450/18 fejn l-applikazzjoni tindika li se jsir *Childcare Centre* fi Triq Tal-Millieri. Hadd ma kellu oggezzjoni ghal din l-applikazzjoni.

81.8.2 Tressqet korrispondenza rigward applikazzjoni PA3323/18 rigward kostruzzjoni ta' appartament f'Tal-Giarda.

81.8.3 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li intbghatet in-Notification Form lil PA sabiex jibda r-restawr tal-istatwa ta' Santa Marija. Ix-xoghol ta' restawr se jkun qieghed jibda immedjatament wara l-festa ta' San Guzepp. Is-Sindku Darren Abela qal li ghaddej bid-diskussjonijiet biex il-progett tal-Pjazza isir mill-haddiema tal-Gvern u l-Kunsill jixtri biss il-materjal. Aktar informazzjoni tinghata 'il quddiem.

81.8.4 Tressqet korrispondenza minghand Astrid Vella mill-Moviment Flimkien ghal ambjent ahjar, rigward ir-raguni li l-Kunsill waqqa' l-oggezzjoni tieghu rigward l-izvilupp ta' Palazzo Giannini. Il-Kunsill qabel li tinbaghat kjarifika li l-Kunsill isostni li l-post ghandu jzomm il-Grade 2 tal-iskedar tieghu sabiex jibqa intatt minn kull zvilupp.

81.8.5 Tressqet korrispondenza rigward Skema ta' Taghlim u Progetti Edukattivi fil-Komunita'. Il-Kunsill qabel li ma jippartecipax f'din l-iskema minhabba li kull meta gie organizzat kwalunkwe kors, il-partecipazzjoni u l-attendenza kienet wahda baxxa hafna.

81.8.6 Tressqet kwotazzjoni ghal *bollard* sabiex titpogga fi Sqaq fi Triq Santa Marija. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni u se jkun qed jgib ukoll kwotazzjoni ta' *Concrete print*.

81.8.7 Tressqet talba ghal permess sabiex titpogga 'The Little Fun Bus' fil-festa ta' San Guzepp. Il-Kunsill qabel li jaghti permess sabiex titpogga fuq Santu Rokku lejn l-iskola fejn m'hemmx permessi ghall-gabbani.

81.8.8 Is-Segretarju Ezekuttiv staqsiet dwar il-wardens ghall-festa ta' San Guzepp. Il-Kunsill approva li jingiebu l-wardens bhas-sena l-ohra (ammont 8 bejn is-Sibt wardens) Il-Kunsill qabel ukoll li jibghat l-ordni ghall-festa ta' Santa Marija bhal tas-sena precedenti.

81.8.9 Tressqet ukoll talba ghal 2 *mobile toilets* biex jitpoggew fi Triq il-Belt Valletta mill-Gimgha sal-Hadd. It-tindif fi zminijiet tal-festa ghandu jsir il-Gimgha filghodu, is-Sibt filghodu, il-Hadd filghodu u wara l-marc fit-3pm 'il quddiem. Il-Kunsillier Keith Fenech ippropona ukoll li nordnaw 4 bins biex jitpoggew fil-Pjazza fil-festa filwaqt li fi Triq il-Belt Valletta jitpoggew it-tankijiet. Il-Kunsill qabel.

81.8.10 Tressqet korrispondenza minghand l-Insurance tal-Kunsill rigward il-pagament tal-access ta' €500 sabiex jithallsu il-hsarat li saru fuq windscreen ta' karozza waqt li l-haddiema kienu qed jaqtghu il-haxix Inqalghet tappiera tal-festa f' Valletta Road. Siegha wara giet irrangata immedjatament. Tressqet claim

**81.9 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

81.9.1 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-Progett li kien propost li jsir tal-Campsite fiz-zona taz-Zebbug. Is-Sindku Darren Abela qal li se jibghat email lil Dr Etienne Grech u lill-Onor. Silvio Parnis biex jaghtuna risposta dwar xi zviluppi rigward l-imsemmi progett.

81.9.2 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar tabelli godda ghal *Welcome Signs*. Il-Kunsill qabel li tingieb stima.

81.9.3 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex it-triq tac-Cimiterju tinghalaq bil-bollards minhabba li qed ikun hemm hafna vetturi kbar u skips bla permessi fejn min qed izur ic-Cimiterju mhux qed isib fejn jipparkja. Il-Kunsill qabel li jressaq it-talba lit-Transport Malta.

81.9.4 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex iz-zona ta' Has-Saptan tinghalaq bil-bollard minhabba li qed ikun hemm hafna vetturi li qed jipparkjaw fil-passaggi u mhux qed ihallu access ghar-residenti li joqghodu fin-naha ta' gewwa taz-zona. Is-Sindku Darren Abela ippropona li ssir bollard izda dwar dan il-membri tal-Kunsill ma qablux. Il-Kunsill qabel li titwahhal tabella '*do not obstruct passageway'* u jingiebu gwardjani sabiex jaghmlu *spot checks* nhar ta' Hadd meta jkun hemm persuni li jaghmlu l-*picnics*.
'

81.9.5 Is-Sindku Darren Abela ppropona li Triq Habb il-Qamh issir one-way minhabba li meta jghaddu zewg karozzi qed tkun perikoluza specjalment fil-*blind corners*. Il-Kunsill qabel li tinbaghat ittra lir-residenti dwar jekk jaqblux li din issir *one-way*. F'kaz li ma jkunx hemm oggezzjonijiet, tinbaghat it-talba lit-Transport Malta.

**81.10 Mistoqsijiet u Twegibiet mill-Kunsillieri**

81.10.1 Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo tkellem dwar tappiera perikoluza li hemm fi Triq Ghar Dalam. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li giet irrapurtata.

81.10.2 Il-Kunsilliera Rose Agius tkellmet dwar gandott li hemm perikoluz wara l-Knisja. Infurmat li kien hemm persuna li waqghet u kisret idha. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li se tibghat il-haddiema biex jaraw x'hemm u jnehhu l-periklu li hemm.

**80.8 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

80.8.1 Il-Laqgha li jmiss giet aggornata ghal nhar it-Tlieta, 29 ta' Mejju 2018 fil-5:30pm.

Il-Laqgha ntemmet fit-20.00

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Said | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |